**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 16 ta' Dicembru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 338/2014/1 AF**

Wara s-sentenza fl-ismijiet:

**Anthony sive Toni Bileci u martu Lorenza Bileci konjugi Bileci**

**vs**

**Emanuel sive Noel Bileci u martu Josephine Bileci konjugi Bileci**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Anthony sive Toni Bileci, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, din il-Qorti ntalbet illi:

1. Tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh sabiex il-partijiet jittrattaw il-mertu ta' dan ir-rikors quddiem il-Qorti, b'rizerva li jigu pprezentati dokumenti ohrajn jekk ikun il-kaz.

2. Tordna l-ezekuzzjoni tal-kawza Cit. Nru. 338/14 moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet premessi.

3. Tilqa' t-talbiet kollha maghmulha fir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fid-9 ta' Ottubru 2020 fil-Qorti tal-Appell, liema rikors gie trasferit mill-Qorti tal-Appell lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'digriet tat-13 ta' Ottubru 2020, u dan billi –

   (i) Tordna lill-intimati Emanuel sive Noel Bileci u martu Josephine Bileci konjugi Bileci icedu l-azzjonijiet legali u gudizzjarji kollha li ghandhom fil-konfront tar-rikorrenti, inkluz is-segwenti kawzi:

   - Rikors Nru. 842/2015 JZM fl-ismijiet "*Emanuel sive Noel Bileci vs Anthony Bileci pro et noe*" quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc).

   - Rikors Guramentat Nru. 274/2016 JZM fl-ismijiet "*Emanuel sive Noel Bileci et vs Anthony Bileci et*" quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti.

   - Rikors Guramentat Nru. 379/2018 AF fl-ismijiet "*Emanuel sive Noel Bileci et vs Anthony Bileci et*" quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili; u

   (ii) Fin-nuqqas da parti tal-intimati Emanuel sive Noel Bileci u martu Josephine Bileci konjugi Bileci li jottempraw ruhhom ma' din it-talba numru 1,

tawtorizza lill-kuratrici Dr. Josette Grech sabiex iccedi l-imsemmija kawzi f'isem l-intimati.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Emanuel sive Noel Bileci.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi l-proceduri odjerni huma wahda minn iter shih ta' proceduri intavolati bejn il-partijiet wara sentenza ta' din il-Qorti pronunzjata fl-4 ta' Marzu 2015 u sussegwentement konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2020.

Permezz tal-fuq citata sentenza din il-Qorti ordnat lill-intimati odjerni jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt finali ai termini ta' konvenju maqbul fl-1 ta' Novmebru 2013. Ghalkemm f'dik il-kawza l-intimati baqghu kontumaci, jirrizulta inkontestat li kienu jafu bil-kawza, segwewha u kienu patrocinati dwarha minn avukat, kif kienu *del resto* meta ffirmaw il-konvenju *de quo*. Tant hu hekk illi fl-ebda stadju ma ttentaw jiggustifikaw il-kontumacja taghhom fil-kawza.

Emanuel u Josephine Bileci llum qeghdin jirrifjutaw li jonoraw wahda mill-kundizzjonijiet fil-fuq imsemmi konvenju u cioè l-obbligu li assumew li kontestwalment huma ghandhom jirtiraw kull azzjoni legali u/jew gudizzjarja li huma ghandhom kontra Anthony u Lorenza Bileci. Ir-raguni li qeghda tingieb hija li fil-mument tal-konvenju, l-kawzi pendenti llum kienu ghadhom ma gewx intavolati u ghalhekk ma ghandhomx jigu rtirati.

Din il-Qorti ma taqbilx. Is-sentenza ta' din il-Qorti ma thalli ebda lok ghal interpretazzjoni. Il-kundizzjonijiet tal-iskrittura huma cari u ghandhom jigu rispettati. Fin-natura taghha, skrittura ta' konvenju tiehu bhala punt ta' referenza il-mument ta' finalizzazzjoni u pubblikazzjoni tal-kuntratt. Kull kundizzjoni per forza tirrefera ghall-att finali. Jidher car illi meta gie ffirmat

il-konvenju, kienu digà jezistu divergenzi kbar bejn il-partijiet u kien ghalhekk li jidher li ddahhlet il-klawsola *de quo*. Fil-mument tal-konvenju kienu jezistu bejn il-partijiet diversi pretensjonijiet u sahansitra kienu già ntbaghtu xi ittri ufficcjali.

Jirrizulta inoltre illi meta gie trattat l-appell il-kawzi *de quo* kienu digà gew intavolati u madanakollu ma saret ebda referenza ghalihom.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tastjeni mili tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba,

1. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-ezekuzzjoni tal-kawza Cit. Nru. 338/14 moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet premessi.

2. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimati Emanuel sive Noel Bileci u martu Josephine Bileci konjugi Bileci icedu l-azzjonijiet legali u gudizzjarji kollha li ghandhom fil-konfront tar-rikorrenti, inkluz is-segwenti kawzi:

   - Rikors Nru. 842/2015 JZM fl-ismijiet "*Emanuel sive Noel Bileci vs Anthony Bileci pro et noe*" quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc).

   - Rikors Guramentat Nru. 274/2016 JZM fl-ismijiet "*Emanuel sive Noel Bileci et vs Anthony Bileci et*" quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti.

   - Rikors Guramentat Nru. 379/2018 AF fl-ismijiet "*Emanuel sive Noel Bileci et vs Anthony Bileci et*" quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili; u

   Fin-nuqqas da parti tal-intimati Emanuel sive Noel Bileci u martu Josephine Bileci konjugi Bileci li jottempraw ruhhom ma' dak ordnat, tawtorizza lill-kuratrici Dr. Josette Grech sabiex iccedi l-imsemmija kawzi f'isem l-intimati.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu minn Emanuel sive Noel Bileci u martu Josephine Bileci.

IMHALLEF